KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.11.2004
KUMM(2004) 748 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## L-ewwel rapport dwar it-tħejjijiet prattiċi għat-tkabbir ġejjieni taż-żona ta' l-euro

{SEG(2004) 1383}

# 1. DAĦLA

L-introduzzjoni eventwali tal-valuta unika ser tkun avveniment storiku għal dawk kollha li ser jidħlu fiż-żona ta' l-euro, hekk kif kienet għall-pajjiżi fiż-żona ta' l-euro preżenti. L-Istati Membri l-ġodda daħlu fl-Unjoni Ewropea bħala "Stati Membri b'deroga"[1] skond l-Artikolu 4 tat-Trattat ta' Adeżjoni. L-adozzjoni eventwali tal-valuta unika hija parti mill-ħtiġijiet stabbiliti fit-Trattat u dawn il-pajjiżi għandhom għalhekk idaħħlu l-euro malli jkunu wettqu l-kundizzjonijiet meħtieġa. Ħafna mill-Istati Membri ġodda urew li jixtiequ jidħlu fiż-żona ta' l-euro malajr kemm jista' jkun, u għalhekk qed jagħmlu sforzi sabiex jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, notevolment il-kriterji ta' konverġenza ta' "Maastricht", li huma maħsuba sabiex jiżguraw il-konverġenza ekonomika sostenibbli ta' dawk li jidħlu fiż-żona ta' l-euro fil-ġejjieni. It-tħejjijiet għall-introduzzjoni prattika ta' l-euro damu kważi sitt snin fil-pajjiżi li huma bħalissa parti miż-żona ta' l-euro. Stati Membri ġodda għandhom għalhekk jibdew jitħejjew sabiex ikunu lesti fil-ħin u sabiex il-bidla sseħħ mingħajr xkiel.

## 1.1 Passi li jwasslu għall-adozzjoni ta' l-euro

Il-livell sa fejn il-pajjiżi differenti laħqu l-ħtiġijiet stabbiliti fit-Trattat sabiex ikunu jistgħu jadottaw l-euro huwa evalwat mill-Kummissjoni u l-ECB fir-rapporti regolari tagħhom dwar il-konverġenza[2]. L-Artikolu 122(2) tat-Trattat jipprovdi li, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jiddeċiedi liema Stati Membri jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa u b'konsegwenza tabroga d-derogi ta' dawk l-Istati Membri. Il-Kunsill jiddeċiedi wkoll id-data li fiha l-Istati Membri kkonċernati ser jidħlu fiż-żona ta' l-euro u jiddetermina r-rata fissa u irrevokabbli bejn il-valuta nazzjonali tal-pajjiż u l-euro. Fid-data ta' l-adozzjoni ta' l-euro, ir-rata ta' konverżjoni tidħol fis-seħħ, il-valuta nazzjonali ta' qabel tal-pajjiż tieqaf teżisti u r-responsabbiltà għall-politika monetarja hija ttrasferita lill-ECB. Dan seħħ fl-1 ta' Jannar 1999 għall-ewwel ħdax-il-pajjiż li daħlu fiż-żona ta' l-euro u fl-1 ta' Jannar 2001 għall-Greċja.

Għal raġunijiet prattiċi u loġistiċi, il-pajjiżi attwali fiż-żona ta' l-euro daħħlu perijodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin (sena waħda fil-każ tal-Greċja) bejn l-adozzjoni ta' l-euro bħala valuta (1999 għal ħdax-il pajjiż u l-2001 għall-Greċja) u l-introduzzjoni tal-flus euro. L-alternattiva ewlenija hija l-hekk imsejjaħ *"big bang" scenario*, fejn id-dħul fiż-żona ta' l-euro jaqbel mad-dħul tal-karti u l-muniti euro. Dan l-approċċ għandu numru ta' vantaġġi, partikolarment issa li l-karti u l-muniti euro diġà jeżistu. L-iżvantaġġ ewlieni huwa li b'hekk jitnaqqas il-perijodu disponibbli għas-settur pubbliku u privat, u ċ-ċittadini b'mod ġenerali, sabiex isiru t-tħejjijiet għall-bidla. Wara l-introduzzjoni tal-karti u tal-muniti euro ikun hemm perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja li matulu karti u muniti denominati f'euro kif ukoll f'valuta nazzjonali, it-tnejn ikollhom status ta' valuta legali. It-tul ta' dan il-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja huwa deċiż tipikament fuq livell nazzjonali minkejja li s-soltu huwa miżmum relattivament qasir, b' massimu ta' xahrejn.

---

1 Fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' l-euro, id-Danimarka u r-Renju Unit għandhom status speċjali ta' "opt-out". L-għaxar Stati Membri ġodda u l-Iżvezja huma Stati Membri b'deroga. Ir-referendum li seħħ fl-Iżvezja fl-14 ta' Settembru 2003 wera l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni ma qablux mad-dħul fiż-żona ta' l-euro.

2 L-aħħar rapporti ta' konverġenza inħarġu fl-20 ta' Ottubru 2004 u kkonkludew li l-ebda wieħed mill-ħdax-il Stat Membru b'deroga għadu ma laħaq il-kriterji kollha meħtieġa (finanzi pubbliċi sostenibbli, stabilità tal-prezzijiet, stabilità tar-rata tal-kambju *matul il-perijodu meħtieġ*, livell ta' rati ta' l-interessi fuq perijodu ta' żmien twil). Meta kkunsidrat il-konklużjonijiet tar-rapport tagħha dwar il-konverġenza, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma tressaqx proposti għall-abrogazzjoni tad-derogi.

## 1.2 Skop tar-rapport

Dħul b'suċċess fiż-żona ta' l-euro mhux biss jeħtieġ aderenza mal-ħtiġijiet tat-Trattat, iżda wkoll tħejjijiet prattiċi estensivi u meqjusa bir-reqqa, li jinvolvu kemm is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll il-pubbliku ġenerali. Il-Kummissjoni ser tirrapporta fuq bażi regolari, għall-inqas darba fis-sena jew kull meta hija ġġustifikata minn żviluppi speċifiċi, dwar il-qagħda ta' dawn it-tħejjijiet. Din il-Komunikazzjoni hija l-ewwel waħda minn rapporti bħal dawn. Għall-kuntrarju tar-rapporti ta' Konverġenza, ma jirriżultax minn xi obbligu legali jew obbligu ieħor, iżda jirriżulta mill-ħsieb tal-Kummissjoni li żżomm il-partijiet rilevanti kollha, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-Istati Membri, kif ukoll il-pubbliku interessat u l-media infurmati kif jixraq dwar il-progress li qiegħed isir f' dan il-qasam importanti. Fir-rigward ta' meta għandhom jitħejjew u jinħarġu, ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-qagħda ta' tħejjijiet tekniċi għalhekk m'humiex ser ikunu marbuta ma' rapporti ta' konverġenza.

Il-qafas kumplessiv u l-elementi ewlenija tat-tranżizzjoni lejn il-valuta l-ġdida huma ġeneralment stabbiliti fil-"pjan ta' tranżizzjoni" ta' pajjiż, u ħafna mill-pajjiżi kkonċernati huma bħalissa fil-proċess ta' tfassil ta' dawn il-pjanijiet. Fir-rigward ta' l-Iżvezja, ġie organizzat referendum fl-14 ta' Settembru 2003, li indika li l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni ma qablitx mad-dħul fiż-żona ta' l-euro dak iż-żmien. Ir-riżultat tar-referendum fil-fatt waqqaf it-tħejjijiet prattiċi fl-Iżvezja.

## 2. Pjanijiet attwali għall-adozzjoni ta' l-euro

Tliet Stati Membri b'deroga (l-Estonja, il-Litwanja u l-Islovenja) daħlu fl-ERM-II fit-28 ta' Ġunju 2004. It-tliet pajjiżi kollha jixtiequ jidħlu fiż-żona ta' l-euro malajr kemm jista' jkun (2007). L-akbar għadd minnhom adottaw pjanijiet nazzjonali ta' bidla u ħatru koordinaturi nazzjonali għall-bidla. Tranżizzjoni f'pass wieħed lejn il-euro (il-"big bang" scenario), fejn il-karti u l-muniti euro jieħdu l-istatus ta' valuta legali fid-data tad-dħul fiż-żona ta' l-euro, hija ġeneralment ippreferuta. Il-proċedura għall-għażla tad-disinn fuq in-naħa nazzjonali tal-muniti euro jew qiegħda fis-seħħ jew inkella diġà tlestiet.

Il-pjanijiet uffiċjali u l-intenzjonijiet fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħra, kull ma jmur, qegħdin jieħdu sura aktar konkreta. Ħafna pajjiżi biħsiebhom jidħlu fiż-żona ta' l-euro aktarx fi stadju iżjed tard, lejn l-aħħar tad-deċennju, minkejja li ħafna ser jiddependu fuq il-livell ta' aderenza mal-kriterji ta' konverġenza.

L-istat ta' tħejjijiet huwa mqassar fit-tabella hawn taħt, li hija ġeneralment imsejsa fuq tagħrif ippublikat mill-awtoritajiet nazzjonali konċernati, u li hija maħsuba li tirrifletti d-deċiżjonijiet nazzjonali u l-qagħdiet fuq il-kwistjonijiet rilevanti differenti. L-Istati Membri huma elenkati fl-ordni stabbilita mit-Trattat.

| *PAJJIŻ* | *KOORDINATUR NAZZJONALI* | *PJAN NAZZJONALI TA' BIDLA JEW PJAN IEĦOR SIMILI* | *DĦUL FL-ERM II* | *DATAFIL-MIRA GĦALL-ADOZZJONI TA' L-EURO* | *BIG BANG" JEW PERIJODU TA' TRANŻIZZJONI* | *MUNITIEURO* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ir-Repubbblika Ċeka** | | Strateġija tar-Repubblika Ċeka għall-Adeżjoni ma' l-Euro,approvata mill-Gvern f'Ottubru 2003) | | 2009-10 | | Konkorsgħadu qed jiġi kkunsidrat |
| **L-Estonja** | Il-Kummissjoni tal-Ministri (inkl. il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali) | Dikjarazzjoni konġunta mill-Gvern ta' l-Estonja u l-Bank ta' l-Estonja, is-16 ta' Jan. 2004 | 28.6.2004 | f'nofs l-2006 | | Konkorsmiftuħ f'Ġunju 2004; għażla aħħarija mistennija f'Diċembru 2004[3] |
| **Ċipru** | Koordinazzjoni konġunta mill-Ministru tal-Finanzi tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru hija kkunsidrata | Qafas ġenerali preliminari ġie mħejji | Il-Kunsill tal-Ministri dan l-aħħar iddeċieda li jressaq applikazzjoni mill-aktar fis | 2007 | Big Bang" | Il-ftuħ tal-konkors għandu jiġi skedat |
| **Il-Latvja** | Grupp ta' ħidma għall-bidla fil-Bank tal-Latvja,konsultazzjonijiet bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-bank ċentrali | Pjan ta' bidla preliminari | | 1.1.2008 | Big Bang" | Konkors miftuħ |
| **Il-Litwanja** | Grupp ta' ħidma fil-Bank tal-Litwanja għall-iżvilupp tal-pjan ta' bidla | Tħejjija għat-tfassil tal-pjan ta' bidla sa Diċembru 2004 u l-qafas strateġiku għall-koordinazzjoni tal-proġett | 28.6.2004 | 1.1.2007 (tentattiva) | Big Bang" ċirkolazzjoni konġunta2-3 ġimgħat | L-aħħar proċedura għat-tender għall-għamla tal-mudelli tal-ġibs |
| **-L-Ungerija** | Fir-rigward tad-data fil-mira 2010, xogħol ta' tħejjija qed isir fil-Ministeru tal-Finanzi u l- | | | 2010 | | |

[3] Sad-data ta' l-egħluq tal-konkors fid-19 ta' Ottubru 2004, 134 disinn ġew imressqa. Il-bord ta' esperti ser jagħżel sa nofs Novembru l-aħjar għaxar disinni u l-għażla aħħarija ser issir f'Diċembru 2004 permezz ta' proċedura ta' voti bit-telefon mifruxa man-nazzjon kollu.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Bank Magyar Nemzeti (il-Bank Ċentrali ta' l-Ungerija). | | | | | |
| **Malta** | Korp ta' koordinazzjoni inkarigat mit-tmexxija tal-proċess u għadu jrid jinħatar formalmentKonsultazzjonijiet attwali bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-bank ċentrali | Pjan preliminari għall-bidla qed jitfassal mill-Ministeru tal-Finanzi u l-bank ċentrali | | 2008 | Għad irid jintgħażel | Pjan ta' implimentazzjoni li jkopri l-proċess kollu mill-istadju tal-konkors sa l-istampar attwali tal-flus huwa mfassal |
| **Il-Polonja** | Grupp ta' ħidma interistituzzjonali MoF-NBP | | | 2009 | Għad irid jintgħa żel | Studju ta' l-opinjoni pubblika |
| **Is-Slovenja** | Korp ta' koordinazzjoni (Ministeru tal-Finanzi, bank ċentrali ministeri u korpi oħra) | Programm għad-dħul fl-ERM II u l-Adozzjoni ta' l-Euro (approvat mill-Gvern u l-Bord għall-Gvern tal-Bank tas-Slovenja, Nov. 2003)<br><br>Pjanijiet Ewlenin skond is-settur | 28.6.2004 | 1.1. 2007 | Big Bang" ċirkolazzjon i konġuntaġi mgħatejn) | Konkorsmiftuħ |
| **Is-Slovakkja** | Ministeru tal-Finanzi | Speċifikazzjoni ta' l-Istrateġija għall-Adozzjoni ta' l-Euro fir-RS, approvata mill-gvern f'Settembru 2004.Pjan ta' bidla nazzjonali li għandu jkun approvat sa nofs l-2005 | | 1.1.2008/ 2009 | Big Bang" | Konkors miftuħ |

## 3. DĦUL IMGĦODDI U ĠEJJIENI FIŻ-ŻONA TA' L-EURO: XEBĦ U DIFFERENZI

Il-bidla ta' dawk li ser jidħlu fiż-żona ta' l-euro ser ikollha ċerti elementi in komuni mal-bidliet preċedenti u sejra b'hekk tibbenefika mit-tagħlimiet li nkisbu fl-imgħoddi. Xi differenzi kbar jirriżultaw ukoll.

### 3.1 Tagħlimiet meħuda mill-bidliet ta' qabel

Filwaqt li l-ewwel bidla kienet ta' suċċess kbir, hemm post għal titjib f' ħafna rigwardi. It-tagħlimiet ewlenin mill-esperjenza tal-pajjiżi ta' l-ewwel grupp huma kif ġej:

(i) Tħejjijiet bir-reqqa u proattivi jagħtu l-frott. Pajjiżi li investew fi tħejjijiet bikrin u intensivi ġew ippremjati għall-isforzi tagħhom fir-rigward tal-ħeffa tal-bidla, l-aċċettazzjoni pubblika tal-valuta l-ġdida u l-fluwidità tat-tranżizzjoni. L-investiment fil-komunikazzjoni u t-tagħrif ġie ppremjat bl-istess mod.

Din hija t-tagħlima ewlenija tal-bidla tal-bidu u tispjega għalfejn il-Kummissjoni u l-pajjiżi fil-grupp li jmiss diġà bdew id-diskussjonijiet dwar it-tħejjijiet prattiċi.

Ir-riżultati ta' l-aħħar Eurobarometru (taqsima 4) jikkonfermaw li l-ħtieġa għal tagħrif preċiż u f'waqtu tibqa' importanti daqs kemm kienet fl-imgħoddi. In-nuqqas ta' tagħrif jista' jwassal għal reazzjonijiet ta' biża' u forsi wkoll ostili, li faċilment jistgħu jiġu evitati.

(ii) Il-perijodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin kien twil wisq. Intilef xi ftit mill-momentum wara l-1999 u l-awtoritajiet pubbliċi kellhom iġeddu l-isforzi tagħhom sabiex jikkonvinċu (mill-ġdid) lill-intrapriżi u liċ-ċittadini sabiex jitħejjew fil-waqt għall-bidla tal-flus. Ukoll, l-użu ta' l-euro "bil-kitba" baqgħet pjuttost limitata matul il-perijodu ta' tranżizzjoni.

Għal għadd ta' raġunijiet, spjegati fit-taqsima 3.2, marbuta l-aktar mal-ħtieġa għal bidla ta' flus ta' malajr, perijodu twil ta' tranżizzjoni m'huwiex ta' min jirrakkomandah għal dawk li ser jidħlu fiż-żona ta' l-euro fil-ġejjieni. Madankollu, għal proċessi bħalma huma l-bidla ta' sistemi ta' tagħrif fis-settur pubbliku u dak privat, iż-żminijiet bejn il-bidu u t-tmiem tal-produzzjoni ser jibqgħu twal daqs kemm kienu fil-pajjiżi oriġinali taż-żona ta' l-euro. B'konsegwenza, billi l-bidla fiha nnfisha ser tkun iqsar, it-tħejjijiet għandhom jinbdew fi stadju kmieni ħafna.

Madankollu, peress li l-perijodi ta' tranżizzjoni li bħalissa għandhom ippjanati l-pajjiżi kkonċernati x'aktarx ser ikunu iqsar, il-kumplessità involuta fl-użu ta' żewġ unitajiet ta' valuta (l-euro u l-valuta nazzjonali) flimkien ser fl-istess ħin titnaqqas u għalhekk ser ikun eħfef li tiġi spjegata u li tinfiehem it-tranżizzjoni.

(iii) L-introduzzjoni tal-karti u tal-muniti euru għandha tkun mgħaġġla: Introduzzjoni "bil-mod" tal-flus euro toħloq kumplikazzjonijiet kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-intrapriżi. Introduzzjoni ta' malajr hija ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti, sakemm hija mħejjija bir-reqqa. L-istess japplika għall-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja, li preferibbiltment għandu jkun qasir.

Kif muri mill-bidla tal-flus fil-pajjiżi li bħalissa qegħdin fiż-żona ta' l-euro, introduzzjoni mgħaġġla tal-flus euro għandha tkun imsejsa fuq prialimentazzjoni (*frontloading*) u sub prialimentazzjoni (*sub-frontloading*), il-bidla mill-ewwel ta' l-ATMs kollha, l-għotja tal-bqija mill-bejjiegħa f' euro biss u l-possibilità għal klienti u mhux-klienti tal-banek li jibdlu legati miżmuma f'euro bla ebda spiża.

F'dan ir-rigward, l-importanza ta' ħlasijiet bil-cards u bl-internet għandu jkun enfasizzat. Dawn il-metodi ta' ħlas taw kontribut konsiderevoli għat-tranżizzjoni fluwida, partikolarment fis-settur ta' bejgħ u xiri bl-imnut (retail).

(iv) It-teħid lura tal-valuta nazzjonali teħtieġ tħejjija bir-reqqa: fil-bidla oriġinali, x'aktarx kien hemm wisq konċentrazzjoni fuq l-introduzzjoni tal-karti u muniti euro, filwaqt li l-konsegwenzi ta' l-enormità tal-flus lura tal-valuta legali ma ngħatawx biżżejjed importanza. B'mod partikolari, il-miżuri loġistiċi sabiex wieħed seta' jlaħħaq mal-kwantità kbira ta' muniti mogħtija lura mhux dejjem kienu fis-seħħ, u xi drabi wasslu għal dewmien sinjifikanti fit-twassil bil-baħar, l-ipproċessar u l-għadd tal-muniti u l-ikkreditar tal-kontijiet.

(v) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi evitat kull impatt fuq il-prezzijiet. Dan jeħtieġ attenzjoni speċjali, għaliex hija diffiċli li tiġi indirizzata u hija ħafna drabi msejsa fuq perċezzjonijiet foloz li mhux la kemm jitranġaw. Il-prevenzjoni hija definittivament aħjar mil-kura.

Ir-riżultati tal-Eurobarometru urew biċ-ċar li l-għarfien taċ-ċittadini dwar din il-kwistjoni diġà huwa għoli. Ir-riskju ta' abbużi u qerq fil-prezzijiet matul il-bidla hija punt ewlieni ta' tħassib għal 71% ta' min wieġeb (medja għall-Istati Membri ġodda). Madankollu, ta' min wieħed jinnota li hemm differenzi distinti bejn il-pajjiżi. It-tqassim f' kategoriji soċjo-demografiċi ma jwassalx għal konklużjonijiet ċari, ħlief li nies ta' età akbar huma aktar beżgħana dwar din il-kwistjoni milli huma ż-żgħar.

Il-qlib tajjeb ta' prezzijiet mill-bejjiegħa in ġenerali sejjer bla dubju jeħtieġ tħejjijiet bir-reqqa mill-awtoritajiet konċernati, per eżempju fil-forma ta' ftehimiet dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet innegozjati mas-settur tal-bejgħ bl-imnut u sorveljat mill-qrib qabel u wara l-bidla, preferibilment bl-involviment attiv ta' għaqdiet għall-ħarsien tal-konsumaturi u għaqdiet professjonali tas-settur tal-bejgħ bl-imnut fuq livell nazzjonali u Ewropew. L-awtoritajiet jistgħu ukoll jeħtieġu li bejjiegħa individwali juru pubblikament l-impenn tagħhom lejn l-iżgurar tal-qlib eżatt tal-prezzijiet, per eżempju permezz ta' tikketti jew sinjali u permezz ta' l-inkoraġġiment attiv ta' l-użu ta' wiri doppju tal-prezzijiet matul ċertu perijodu qabel u wara d-dħul tal-flus euro. Iż-żewġ mezzi itejbu il-kredibbiltà u jippermettu lill-konsumaturi jagħmlu pressjoni fuq il-bejjiegħa. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu fit-tnaqqis tal-biżgħat u jikkontribwixxu lejn tranżizzjoni fluwida.

(vi) Il-bidla "mentali" iddum konsiderevolment aktar mill-bidla fiżika. Riżultati tat-teħid ta' l-opinjoni pubblika minn Novembru 2003 urew li t-30% ta' min wieġeb fil-biċċa l-kbira jaħsbu f'termini tal-valuta nazzjonali fix-xiri ta' kuljum, għall-kuntrarju tas-46% li jaħsbu f'termini ta' euro. Għal xiri ta' valur għoli (eż. dar jew karozza), madankollu, il-biċċa l-kbira taċ-ċittadini għadhom jgħoddu bil-ħsieb l-aktar fil-valuta nazzjonali (54%), filwaqt li minoranza żgħira biss (16%) tgħodd f'termini ta' euro.

### 3.2 Differenzi ewlenin mill-bidla ta' qabel

Filwaqt li japplikaw xi elementi komuni, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-Istati Membri ġodda għandhom ħafna karatteristiċi u fatturi individwali li huma speċifiċi għal dak il-pajjiż. F'termini ġenerali, id-differenzi ewlenin bil-bidla ta' l-ewwel grupp ser ikunu li ġejjin:

(i) It-tkabbir ġejjieni taż-żona ta' l-euro ser iseħħ f' diversi mewġiet suċċessivi. Huwa improbabbli ħafna li l-pajjiżi "pre-ins" ser jidħlu bħala grupp wieħed. Huwa mistenni li gruppi żgħar ta' pajjiżi (jew pajjiżi individwali) ser jidħlua f'sena partikolari.

Għalhekk, il-momentum kollettiv ta' l-ewwel grupp ta' pajjiżi li daħlu fiż-żona ta' l-euro mhix ser teżisti sa l-istess livell, u tkabbir ġejjieni taż-żona ta' l-euro ser ikollu

inqas viżibiltà esterna barra l-pajjiżi direttament konċernati. Fl-istess ħin, il-fatt li ħafna pajjiżi diġà adottaw valuta unika għandu jħaffef il-bidla f'ċerti oqsma, kif huwa diskuss hawn taħt.

(ii) Karti u muniti euro diġà jeżistu, u ħafna miċ-ċittadini fl-Istati Membri ġodda diġà huma familjari magħhom. F'ċerti ħwienet, l-aktar f'żoni turistiċi u żoni viċin tal-fruntieri, l-euro diġà qiegħda tintuża u aċċetata għall-ħlasijiet. Dan jista' jnaqqas il-ħtieġa għal operazzjonijiet ta' prialimentazzjoni sinjifikanti f'ċerti setturi. Xi ċittadini u kumpaniji jistgħu wkoll ikunu jridu jakkwistaw xi flus euro barra minn pajjiżhom, partikolarment meta dawn jinstabu f'żoni rilevanti fuq il-fruntieri. Anki, ċittadini barra ż-żona ta' l-euro diġà huma permessi li jiftħu kontijiet f'euro mal-banek domestiċi tagħhom. Għal dawk li għażlu jagħmlu hekk, il-bidla diġà qiegħda sseħħ.

L-aħħar Eurobarometru (taqsima 4) juri provi interessanti ta' l-esperjenza prattika diġà miksuba minn ċittadini fl-għaxar Stati Membri ġodda. Jidher li l-akbar għadd ta' ċittadini f'dawn l-Istati Membri (73% fil-medja) raw karti tal-flus euro, u li 66% fil-medja raw muniti euro. F'xi pajjiżi, dawn il-figuri jilħqu livelli għolja ħafna, eż. 95% ta' min wieġeb fis-Slovenja diġa raw karti tal-flus euro u 87% raw muniti euro. Il-figuri f'Ċipru jammontaw għal 85% (karti) u 82% (muniti). In-nies huma l-anqas familjari mal-flus euro fil-Latvja, minkejja li hemm ukoll aktar minn nofs il-popolazzjoni raw il-karti tal-flus euro (67%) jew muniti euro (55%).

Meta jiġi għall-użu ta' karti tal-flus u muniti euro, dawn il-figuri huma ovvjament iżgħar, iżda xorta sinjifikanti: 49% fil-medja tal-popolazzjoni fl-Istati Membri ġodda diġa użaw il-karti tal-flus u 50% diġà użaw il-muniti euro. Għal darb' oħra hawn ukoll xi pajjiżi li qegħdin quddiem l-oħrajn, eż. Is-Slovenja (81% u 79% użaw il-karti tal-flus u l-muniti euro rispettivament) u Ċipru (76% u 77%). L-aktar figuri baxxi għall-esperjenza fl-użu tal-flus euro jirriżultaw fil-Litwanja (40% u 39%). Huwa aktar interessanti li r-riżultati ta' l-Eurobarometru juru li 18% u 15% rispettivament ta' min wieġeb diġà uża l-karti tal-flus u l-muniti euro f'pajjiżhom. Dawn il-figuri jindikaw biċ-ċar li l-euro diġà hija użata informalment għal ċerti tranżazzjonijiet. F'pajjiżi bħal-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja, dawn il-figuri jitilgħu għal livell ferm ogħla (34%, 31% u 28% rispettivament għal karti tal-flus euro u 27%, 20% u 24% għall-muniti).

(iii) It-tranżizzjoni mill-valuta nazzjonali għall-euro hija mistennija li tkun ħafna aktar mgħaġġla. Ħafna pajjiżi qed jikkunsidraw approċċ "big bang" fejn id-data tad-dħul fiż-żona eura taqbel mad-data ta' l-introduzzjoni (uffiċjali) tal-flus euro. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ġodda (CZ, EE, LV, LT, PL, SI, SK) diġà impenjaw ruħhom f'konverżjoni tal-valuta fi snin reċenti u kisbu esperjenza siewja fil-proċess.

L-eżistenza u d-disponibbiltà wiesa' tal-flus euro wkoll għandha rwol importanti f'dan l-approċċ. Xi elementi li dehru li huma ta' importanza kruċjali għas-suċċess ta' l-ewwel bidla għalhekk ser ikollhom rwol iżgħar fil-ġejjieni. Il-flus euro jistgħu jinkisbu faċilment qabel l-introduzzjoni uffiċjali fil-pajjiż u xi ċittadini u kumpaniji jistgħu jagħżlu li jħejju rwieħhom ferm qabel. Il-prialimentazzjoni u s-subprialimentazzjoni[4] ta' operaturi ekonomiċi x'aktarx ser jerġa' jkollhom rwol fl-

---

4 Il-prialimentazzjoni tirreferi għall-provvistà ta' kwantitajiet kbar biżżejjed ta' karti tal-flus u muniti euro lill-banek qabel ma l-flus euro jiksbu l-istatus ta' valuta legali, i.e. qabel jum l-€. Is-

iżgurar ta' bidla mgħaġġla permezz ta' l-iżgurar li jkunu disponibbli kwantitajiet kbar biżżejjed ta' flus euro minn jum l-€. Is-subprialimentazzjoni taċ-ċittaddini b'ċerti ammonti ta' karti tal-flus ta' denominazzjoni żgħira kif ukoll muniti hija wkoll ta' min jikkunsidraha.

Pajjiżi li fil-ġejjieni ser jidħlu fiż-żona ta' l-euro ser ikollhom interess partikolari li l-perijodu ta' bidla jkun qasir kemm jista' jkun, għaliex il-pajjiżi jistgħu inkella jħabbtu wiċċhom ma' perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja informali f'ċerti oqsma filwaqt li l-euro tista' tkun użata attivament miċ-ċittadini u l-bejjiegħa qabel ma' ssir valuta legali.

(iv) Id-daqs u l-livell ta' l-adattazzjonijiet meħtieġa li għandhom isiru f'ċerti oqsma ser ikun differenti mill-bidliet ta' qabel fiż-żona ta' l-euro. Per eżempju, in numru ta' ATMs ras għal ras huwa aktar baxx milli fiż-żona ta' l-euro, minkejja li xorta sinjifikanti. L-ATMs jgħinu f'introduzzjoni bikrija aktar mgħaġġla tal-flus euro fl-ekonomija. Esperjenza minn qabel turi li proporzjon għoli mill-karti tal-flus euro daħlu fiċ-ċirkolazzjoni permezz ta' magni awtomatiċi tal-flus, notevolment minħabba d-disponibbiltà tagħhom f'kull ħin, partikolarment meta l-banek lokali jkunu magħluqa. In-numru għoli ta' banek u uffiċċji tal-posta lokal ras għal ras (xi ftit jew wisq l-istess fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għall-medja taż-żona ta' l-euro) ser x'aktarx ipatti għan-numru iżgħar ta' ATMs peress li ser jgħin liċ-ċittadini jiksbu l-ammont meħtieġ ta' karti tal-flus u muniti euro minn kmieni fil-proċess ta' bidla. Miżuri speċjali (ħinijiet ta' ftuħ itwal, ftuħ fi tmiem il-ġimgħa, eċċ.) forsi għandhom jiġu kkunsidrati.

In-numru ta' terminali POS huwa relattivament żgħir meta mqabbel mal-medja taż-żona ta' l-euro, notevolment minħabba li ħafna mill-Istati Membri ġodda jużaw il-flus b'mod intensiv (cf. hawn taħt). Id-disponibbiltà iżgħar ta' tagħmir elettroniku u/jew ta' ħlas elettroniku huwa nuqqas peress li tikkostitwixxi l-alternattiva ewlenija għall-flus u peress li tagħmir tal-ħlas bħal dan huwa tipikament mibdul faċilment. Filwaqt li n-numru ta' cards tal-ħlas (kemm ta' debitu kif ukoll ta' kreditu) ras għal ras fl-Istati Membri ġodda huwa iżgħar milli fiż-żona ta' l-euro, huwa sinjifikanti f'termini relattivi (karti ta' debitu b'mod partikolari). Fil-prattika, il-cards jintużaw l-aktar għall-ġbid tal-flus mill-ATMs. Hemm għalhekk raġuni biżżejjed għat-tkabbir tan-netwerks domestiċi tal-POS u b'hekk titnaqqas il-pressjoni fuq il-bidla tal-flus.

Evidenza statistika tikkonferma li l-karti tal-flus u l-muniti għandhom rwol dominanti bħal mezz ta' ħlas fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ġodda, minkejja li l-ammont totali ta' flus ras għal ras huwa iżgħar milli fiż-żona ta' l-euro. Per eżempju, f'xi Stati Membri ġodda, ħafna ħaddiema u pensjonanti jkomplu jirċievu l-pagi u l-pensjonijiet tagħhom fi flus. Kif spjegat hawn fuq, ir-rwol importanti li għandhom il-flus huwa ta' żvantaġġ għall-partijiet kollha involuti (banek, bejjiegħa, konsumaturi ...) u ser jitlob tħejjija intensiva għall-bidla tal-flus.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-qlib tal-flus f'magni awtomatiċi tal-bejgħ m'għandux ikun kaġun ta' problemi kbar. In-numru kumplessiv ta' magni huwa relattivament limitat

subprialimentazzjoni tirreferi għal tip ta' operazzjoni simili fejn banek pri-alimentati ifornu lill-bejjiegħa u impriżi bi kwantitajiet kbar biżżejjed ta' flus euro sabiex ikunu jistgħu jibdew joperaw mill-ewwel fil-valuta l-ġdida mill-ewwel jum.

għalissa. L-Ungerija tidher li hija l-pajjiż bl-aktar magni (22,000), meta mqabbla ma' numru totali 'l fuq minn żewġ miljuni fiż-żona ta' l-euro. Iktar minn hekk, f'kuntrast mal-qagħda matul l-ewwel bidla, il-muniti euro huma disponibbli ferm u l-operaturi għalhekk mhux ser iħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet partikolari fir-rigward tat-testjar u l-irfinar fl-operat tal-validaturi tal-muniti.

## 4. IL-QAGĦDA TA' L-OPINJONI PUBBLIKA LEJN L-EURO FL-ISTATI MEMBRI ĠODDA

L-aħħar teħid ta' l-opinjoni pubblika ta' l-Eurobarometru fl-għaxar Stati Membri ġodda[5], fir-rigward ta' l-attitudni lejn, u l-għarfien tal-pubbliku dwar, l-introduzzjoni ta' l-euro ġie eżegwit matul l-ewwel nofs ta' Settembru 2004 minn EOS Gallup, b'kontributi meħudha minn 10,000 ċittadin.

### 4.1 Attitudni ġenerali lejn l-euro

Il-livell ta' interess fl-introduzzjoni ta' l-euro huwa aktarx baxx, kienu biss 50% ta' kull min wieġeb li urew interess u 48% li ma urewx. Ir-riżultat kumplessiv fl-Istati Membri ġodda juri li ftit aktar ċittadini jemmnu li l-introduzzjoni ta' l-euro għandha jkollha konsegwenzi pożittivi (44%) fuq livell nazzjonali, filwaqt li 41% jemmnu li ser ikollha konsegwenzi negattivi. 40% jistennew li l-introduzzjoni ta' l-euro ser tkun pożittiva għalihom personalment filwaqt li 45% jemmnu li ser tkun negattiva. Iċ-ċittadini jidhru li għandhom opinjonijiet varji fir-rigward ta' jekk humiex kuntenti (42%) jew le (47%) li l-euro ser tieħu post il-valuta nazzjonali tagħhom.

Fir-rigward tal-qafas ta' żmien għall-adozzjoni ta' l-euro, 19% ta' min wieġeb f'dawn l-għaxar pajjiżi taw indikazzjoni li jixtiequ li l-euro ssir il-valuta tagħhom malajr kemm jista' jkun, filwaqt li 36% wieġbu li għandha tkun adottata wara ċertu żmien, u li maġġoranza relattiva (40%) jemmnu li għandha tkun adottata tard kemm jista' jkun. Madankollu, iċ-ċittadini jidhru li huma konxji tal-vantaġġi prattiċi ta' l-introduzzjoni ta' l-euro, bi 92% u 82% rispettivament jagħrfu l-konvenjenza tagħha għall-ivvjaġġar f'pajjiżi oħra u għax-xiri ta' oġġetti u servizzi fiż-żona ta' l-euro, u 77% jagħrfu li taqta' għal kollox il-ħtieġa għall-bdil tal-flus fiż-żona ta' l-euro. Ta' min wieħed jgħid ukoll li l-akbar għadd ta' min wieġeb (54%) ma jaħsbux li l-bidla ser toħloqilhom xi inkonvenjent kbir. Kif indikat qabel, maġġoranza sinjifikanti madankollu tibża' mill-possibilità ta' abbużi u qerq fil-prezzijiet matul il-bidla.

### 4.2 Iċ-ċittadini jixtiequ aktar tagħrif

L-għarfien fost il-pubbliku ġenerali fl-Istati Membri ġodda dwar l-euro u l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tagħha għadu aktarx baxx. Il-biċċa l-kbira ta' dawk mistoqsija (57%) m'humiex konxji li l-adozzjoni ta' l-euro hija mandatorja għal pajjiżhom, u ma jafux kemm hemm pajjiżi diġà fiż-żona ta' l-euro.

Kważi nofs ta' dawk li ġew mistoqsija (48%) ma jikkunsidrawx irwieħhom mgħarrfa sewwa dwar l-euro, iżda jixtiequ jkunu mgħarrfa sew qabel l-introduzzjoni tal-valuta unika f'pajjiżhom. 30% ta' min wieġeb indikaw li jixtiequ t-tagħrif mill-aktar fis, filwaqt li 24% jippreferu li dan it-tagħrif jaslilhom għall-inqas xi ftit snin qabel ma tiddaħħal l-euro. Bħala sorsi ta' tagħrif, l-akbar għadd ta' min wieġeb urew l-akbar fiduċja fil-bank ċentrali nazzjonali tagħhom (63%), ferm aktar minn kull istituzzjoni oħra (kienu biss 29% li urew fiduċja fil-

[5] L-istudji tal-Eurobarometru jinsabu f' http://europa.eu.int/comm/public_opinion/index_en.htm.

gvern tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali, u 22% fl-istituzzjonijiet Ewropej). Ċittadini f'dawn l-Istati Membri jippreferu kampanji ta' tagħrif dwar l-euro msejsa fuq spots televiżivi (78%), segwiti minn spots fuq ir-radju (66%) u fuljetti u *brochures* (64%). Ħafna ċittadini jridu kampanji ta' tagħrif sabiex jiffukaw fuq l-implikazzjonijiet prattiċi ta' l-euro (il-paga, il-kont tal-bank, eċċ.). Il-wiri doppju ta' prezzijiet huwa kkunsidrat bħala l-aktar għodda essenzjali għat-tħejjija tal-popolazzjoni għall-iskala ġdida tal-valuri.

### 4.3 Tagħlimiet ewlenin mill-istudju

L-introduzzjoni ta' l-euro f'dawn l-Istati Membri huwa pass wieħed fi proċess ta' terminu medju jew twil ta' ħafna stadji. F'ħafna pajjiżi, id-data eżatta ta' l-adozzjoni ta' l-euro għadha mhix magħrufa, u dan seta' kellu impatt fuq it-tweġibiet tan-nies.

It-tqassim soċjo-demografiku tar-riżultati juri li l-irġiel, żgħażagħ u popolazzjonijiet edukati u urbani huma ħafna aktar favur l-euro meta mqabbla man-nisa, ix-xjuħ, nies b' livell ta' edukazzjoni baxx u dawk li jgħixu f' żoni rurali.

Kollox ma kollox, l-attitudni ġenerali taċ-ċittadini lejn l-euro tidher li hija mħallta. Dan huwa b'xi mod fi qbil mas-sejbiet ta' l-Eurobarometru ta' l-1997, li wera nuqqas simili ta' sentimenti qawwija għall-valuta unika fil-pajjiżi li bħalissa huma parti miż-żona ta' l-euro: 47% kienu jaqblu mad-dħul ta' l-euro filwaqt li 40% kienu kontra. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jżomm f' moħħu wkoll li, kif kien il-każ għal ċerti pajjiżi fiż-żona ta' l-euro, biċċa mill-popolazzjoni hija emozjonalment marbuta mal-valuta nazzjonali. Il-popolazzjonijiet ta' l-Istati Membri ġodda juru xewqa ċara għal aktar tagħrif dwar l-euro. Anki jekk m'għandhom l-ebda għaġla sabiex jadottawha, jixtiequ jkunu mħejjija sew qabel il-bidla. Kampanji maġġuri ta' tagħrif ser ikunu ġeneralment meħtieġa sabiex dan jitwettaq.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

It-tkabbir ġejjieni taż-żona ta' l-euro ser iseħħ matul numru ta' snin, peress illi dawk li ser jidħlu fiż-żona ta' l-euro huma mistenni li jidħlu fuq bażi ta' każ b'każ. Fl-akbar għadd ta' pajjiżi, l-istat ta' bidla li qiegħed jiġi immaġinat ser jipprovdi għal tranżizzjoni mgħaġġla mill-valuta nazzjonali għall-euro (eż. il-*"big bang" scenario*). Fl-istess ħin, dan ser iżid l-isforzi fuq l-intrapriżi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Isaħħaħ ukoll il-ħtieġa għal tħejjijiet bir-reqqa u fil-waqt, mill-atturi kollha involuti (amministrazzjoni pubblika fuq il-livelli kollha, banek, bejjiegħa, intrapriżi b'mod ġenerali). L-aħħar teħid ta' l-opinjoni ta' l-Eurobarometru juri li l-pubbliku jqis li l-provvista tat-tagħrif ħafna qabel il-bidla hija essenzjali.

Il-Kummissjoni ser tkompli ssegwi l-progress tat-tħejjijiet prattiċi għall-introduzzjoni ta' l-euro fil-pajjiżi differenti kkonċernati. F'dan ir-rigward, in-Netwerk ta' l-Amministrazzjonijiet Pubbliċi (PAN-II), li jgħaqqad flimkien ir-rappreżentanti nazzjonali differenti li huma responsabbli għal dawn il-kwistjonijiet, huwa forum essenzjali għall-iskambju ta' l-opinjonijiet u t-tagħrif. Fil-qasam tat-tagħrif u l-komunikazzjoni, grupp simili (DIR-COM) ġie stabbilit, u jippermetti li d-diversi Diretturi tal-Komunikazzjoni jiltaqgħu fuq bażi regolari.